

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 21.09.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tal-1 ta' Marzu 2018 – Shoe Branding Europe vs EUIPO –
adidas (Pożizzjoni ta' żewġ strixxi paralleli fuq żarbuna)**

(Kawża T-85/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Talba għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tikkonsisti f’żewġ strixxi paralleli fuq żarbuna — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta tliet strixxi paralleli fuq żarbuna — Raġuni relativa għal rifjut — Effett ħażin fuq ir-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”]

(2018/C 142/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Shoe Branding Europe BVBA (Oudenaarde, il-Belġju) (rappreżentant: J. Løje, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Lukošiūtė, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralis: adidas AG (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Fowler u I. Junkar, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Novembru 2015 (Każ R 3106/2014-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn adidas u Shoe Branding Europe.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Shoe Branding Europe BVBA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 136, 18.4.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-7 ta' Marzu 2018 – Le Pen vs Il-Parlament

(Kawża T-140/16) ⁽¹⁾

(“Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew — Allowance ta’ assistenza parlamentari — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament — Kompetenza tas-Segretarju Ĝeneralis — Oneru tal-prova — Obbligu ta’ motivazzjoni — Użu ħażin ta’ poter — Żball ta’ fatt — Ugwaljanza fit-trattament”)

(2018/C 142/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Marie Le Pen (Saint-Cloud, França) (rappreżentanti: inizjalment M. Ceccaldi u J. P. Le Moigne, sussegwentement M. Ceccaldi, fl-aħħar F. Wagner, avukati)